



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0243/2012 imressqa minn Walter Worsch, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis mill-istorbju tal-muturi

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jitlob regolament Ewropew għat-tnaqqis tat-tniġġis mill-istorbju tal-muturi. Huwa jsostni bis-sod li għandhom jiġu applikati multi kbar f'każ ta' ksur tal-istandards tal-istorbju, li jittejjbu progressivament dawn l-istandards fl-Ewropa u li l-muturi jiġu pprojbiti li jgħaddu minn ċerti toroq matul tmiem il-ġimgħa.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-21 ta' Ġunju 2012. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

It-tnaqqis tal-istorbju li jiġi mill-vetturi bil-mutur ilu parti mill-objettivi tal-UE mis-sebgħinijiet meta ġiet adottata l-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE¹ dwar l-approvazzjoni tat-tip rigward il-ħsejjes tal-karozzi u l-vetturi kummerċjali .

Skont id-Direttiva 97/24/KE², kull motoċiklu li jitqiegħed fis-suq tal-UE jissodisfa limiti

¹ Id-Direttiva 70/157/KEE tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16).

² Id-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi b'żewġ jew bi tlett roti b'makna (ĠU L 226, tat-18.8.1997, p. 1).

stretti rigward l-istorbju. Għalhekk, il-motoċikli l-ġodda ma jagħmlux storbju eċċessiv u l-livell tal-istorbju tagħhom huwa komparabbli ma' mezzi oħra tat-trasport bit-triq. Madankollu, il-problema tal-istorbju tinqala' meta l-motoċikli jiġu sussegwentement imbagħbsa, jew meta s-sistema jew il-komponenti tas-silenzjar jiġu mibdula b'partijiet ħżiena li ma jkunux konformi mar-rekwiżiti tad-direttiva.

Huwa għalhekk li d-Direttiva 97/24/KE tinkludi wkoll rekwiżiti biex jiġi pprevenut it-tbagħbis, kif ukoll rekwiżiti biex jiġi żgurat li l-pajpijiet tal-egżost sostitwenti ma jżidux il-livell tal-istorbju tal-motoċiklu oriġinali. Il-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-effikaċja ta' tali leġiżlazzjoni fuq bażi regolari u huwa kkuntemplat pereżempju li fil-ġejjieni jiddaħħal metodu ta' ttestjar internazzjonali ġdid li jkun jirrappreżenta b'mod aħjar l-emissjonijiet tal-istorbju kif jokkorru fil-ħajja reali u li għandhom isibu tarf aħjar tat-tbagħbis tas-sistemi tal-egżost.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet¹ li l-motoċikli jiġu soġġetti għal test ta' affidabbiltà stradali kif inhu l-każ għall-karozzi u l-vetturi kummerċjali. Dan għandu jwassal għal manutenzjoni aħjar u inqas tbagħbis. Din il-proposta issa se tiġi diskussa mill-Kunsill u mill-Parlament.

Fl-aħħar, kif hemm propost mill-petizzjonant, waħda mill-miżuri l-aktar effiċjenti biex jinstab tarf tal-istorbu li ġej mill-motoċikli hija l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tat-traffiku. Ħafna storbju jiġi mill-modifiki li jsiru lill-motoċiklu jew mill-imġiba tas-sewwieq (aċċelerazzjoni fl-ibliet, eċċ.). Minħabba l-prinċipju tas-sussidjarjetà, dawn il-miżuri huma kollha r-responsabilità tal-Istati Membri u mhux tal-Unjoni Ewropea.

Konklużjoni

Il-motoċikli mqiegħda fis-suq tal-UE ma jagħmlux storbju eċċessiv. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-istorbju jiġi mill-modifiki li jsiru lill-vettura jew minħabba l-imġiba tas-sewwieq. Huwa għalhekk li l-biċċa l-kbira tal-proposti tal-petizzjonant fil-fatt għandhom x'jaqsmu mal-infurzar tar-regoli tat-traffiku (multi, sanzjonijiet, spezzjonijiet mal-ġenb tat-triq, restrizzjonijiet tat-traffiku, eċċ.). Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, dawn huma kwestjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabilità tal-Istati Membri. Rigward il-liġi tal-UE, il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet li l-motoċikli jiġu soġġetti għal test tal-affidabbiltà stradali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tipproponi fil-ġejjieni qrib miżuri addizzjonali biex jittejjbu t-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip u biex jiġu koperti l-emissjonijiet tal-istorbju 'off-cycle'.

¹ COM(2012) 380 finali. Ara:

<http://europa.eu/rapid/pressReleasesAction.do?reference=MEMO/12/555&format=HTML&aged=0&language=MT&guiLanguage=fr>.